# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Seduta mizmuma llum, 27 ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru: 185/15 CSH**

**Jean Louis Mariani**

**vs**

**1. Victor Gauci f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' VG Shutter and Concrete Works Limited**

**2. John Briffa u Carol Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Gunju 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh solidalment bejniethom is-somma ta' tmint elef u sitt mitt ewro (€8,600) rapprezentanti depozitu fuq konvenju tal-4 ta' Frar, 2010 ghal xiri ta' proprjeta', kif ukoll hames mija u tmenin Ewro hamsin centezmu (€580.50) spejjez ghat-tigdid ta' l-istess konvenju kif ukoll l-ispejjez relattivi tan-Nutar, u liema kuntratt ma setax isir peress li l-proprjeta' li kellha tigi trasferita kienet ghadha ma tlestietx mill-intimati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-gheluq tal-konvenju, kontra l-intimati in solidum li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' John Briffa u Carol Briffa minnhom prezentata fl-24 ta' Lulju, 2015 fejn esponew:

1. *"Illi l-esponenti konjugi Briffa m'humiex il-legittimi kontradditturi tat-talbiet rikorrenti in kwantu ma kellhom qatt relazzjoni guridika mar-rikorrent tant li ma kinux parti mill-iskrittura privata tal-4 ta' Frar, 2010 bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata rapprezentata mill-intimat Victor Gauci, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi b'referenza ghas-suespost, l-esponenti ma rcevew l-ebda depositu a tenur tal-imsemmi konvenju;*

3. *Illi in oltre, l-esponenti ma kienux obbligati li jlestu l-proprjeta' li kien ser jixtri r-rikorrent;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, skond il-kaz".*

Rat illi fit-8 ta' Frar 2016 l-attur ipprezenta nota li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta' martu Claire Mariani w l-affidavit ta' Elizabeth Mariani flimkien ma' numru ta' dokumenti.

Fl-affidavit tieghu **l-attur Jean Louis Mariani** qal li sar jaf tramite kugintu li l-post taz-zijiet tieghu il-konjugi John u Carol Briffa kien ghal bejgh. Kugintu kienet saret taf li hu w l-gharusa tieghu kienu qed ifittxu post. Qaltlu li missierha kellu post gewwa Gwardamangia izda ried ibiegh biss l-ewwel sular biex fuqu jinbnew zewg flats ohra u penthouse. Qal li hu diga' kien jaf kif inhu dan il-post, izda mar jurih lit-tfajla. Hemmhekk John Briffa laqqghu ma' Victor Gauci li

kien il-kuntrattur li kien se jibni fuq u kellu jaghmel xi alterazzjonijiet fil-post li kien se jixtri hu. L-attur qal li l-ispejjez ta' l-alterazzjonijiet kienu nkluzi fil-prezz tal-bejgh, cioe' €86,000. Kompla li Victor Gauci kien qallu li fi zmien sitt (6) xhur kien jilhaq itella' l-kumplament tal-flats u l-penthouse u jkunu maghluqin bl-aluminium. Peress li dehrlu li sitt xhur kien zmien qasir, ried li jaghmlu konvenju ta' sena biex il-post tieghu ikun lest zgur. Gauci qallu li f'sena jkun lest il-lift ukoll.

Kompla li milli jidher iz-zijiet tieghu kienu ftehmu li jbieghu dan il-post li kien *maisonette* bl-arja tieghu lil Victor Gauci, jew f'ismu personali jew f'isem il-kumpanija tieghu VG Shutter and Concrete Works Limited. Ghaldaqstant kienu ftehmu li huwa jaghmel il-konvenju ma' Victor Gauci direttament, pero' d-depozitu ta' 10% cioe' €8,600 xorta kellu jithallas lis-sinjuri Briffa bhala s-sidien. Dan il-konvenju kellu jsir quddiem in-Nutar Dottor Robert John Muscat.

Spjega li n-Nutar ma qabilx li l-konvenju jsir ma' Victor Gauci meta c-cekk kien se johrog fuq il-konjugi Briffa. Ghalhekk il-partijiet kienu qablu li c-cekk isir fuq Victor Gauci li min-naha tieghu kellu jiffirmah fuq wara dak il-hin stess u jghaddih lil John u Carol Briffa li min-naha taghhom kellhom jghaddu c-cwievet lil Gauci biex ikun jista' jibda x-xogholijiet ta' alterazzjoni fil-post li kien se jixtri hu (l-attur) mill-ewwel. Qal li hu ghandu pjanta tal-alterazzjonijiet li kellhom isiru, liema pjanta kienet iffirmata minn Gauci w minnu.

L-attur qal ukoll li mieghu ghall-konvenju ha cekk vojt, cekk tal-BOV bin-numru 206 datat 4 ta' Frar 2010. Dan kien iffirmat minn ohtu Elizabeth Mariani, fuq isem Victor Gauci, fl-ammont ta' €8,600. Bhalma kienu ftehmu, Gauci ffirma c-cekk u ghaddih lil Briffa dak il-hin stess. Mill-firma fuq il-kopja tac-cekk li giet esebita bhala Dok JLM1, jidher li dan ic-cekk gie msarraf minn Carol Briffa. Cio' nonostante, John Briffa qatt ma ta c-cwievet lil Victor Gauci biex jibda x-xoghlijiet, ghax ried li l-ewwel huwa (l-attur) ihallsu l-ammont shih tal-kuntratt. Pero' hu m'accettax. Minhabba f'hekk ix-xoghol ma setax jibda.

Spjega li l-post kien battal, kien hemm biss *fireplace*. Qal li kontra dak li kienu ftehmu, Briffa ma kinux hadu c-cwievet maghhom meta sar il-konvenju, ghax qalu li hasbu li mhux se jaslu. Zied li kemm-il darba mar ghand iz-zijiet tieghu ghac-cwievet, pero' ma tawhomlux u lanqas ma tawhom lil Victor Gauci bl-iskuza li Gauci kellu jtihom xi flus. Sostna li la Briffa w lanqas Gauci qatt ma qalulu x'kien hemm bejniethom, u allura hassu ngannat. Sar jaf li kien hemm xi haga meta tellghuh jixhed f'kawza bejniethom. Stqarr li kieku kien jaf bil-problemi, ma kienx jithajjar jixtri l-post u wisq inqas kien ihallas id-depozitu.

Huwa zied jghid li talab il-flus lura minghand iz-zewg partijiet, pero' Briffa dejjem jghidulu li ghandu jitlobhom lil Gauci u dan dejjem jghidlu biex itih cans sa ma jbiegh xi postijiet li kellu. Pero' l-flus ma waslux. Biss wara li kienet giet deciza l-kawza li kien hemm bejn Briffa u Gauci, Victor Gauci kien weghdu li se jhallsu malli jinbiegh post li kienu qed joqoghdu fih il-konjugi Briffa. Qal li flusu baqa' ma rkuprahomx nonostante d-diversi ittri legali li saru, anzi sostna li sar jaf li Briffa u Gauci ghamlu l-istess ingann lil certa Josephine Farrugia Potter, cioe' li hadulha d-depzitu mal-konvenju fuq l-istess post u meta thassar kollox ma haditx flusha lura.

Rat l-affidavit ta' **Claire Mariani** li spjegat li meta hi u l-attur kienu ghadhom gharajjes, zewgha kien dahal f'konvenju ma' certu Victor Gauci biex jixtri post go Gwardamangia. Qalet li ghalkemm il-konvenju kien sar ma' Victor Gauci, l-attur kien jaf li dan il-post kien ta' John Briffa u martu. Kompliet li kien John Briffa stess li kien qallu biex jiftiehem ma' Victor Gauci. Qalet li l-attur kien jaf il-post kif kien, u meta ratu hi wkoll iddecidew li jixtruh peress li ghogobhom it-tnejn. Ftakret li prezenti barra John Briffa kien hemm ukoll Victor Gauci, u mieghu kienu ftehmu dwar xi alterazzjonijiet li kellhom isiru, li dan Gauci accetta li jaghmilhom hu.

Ziedet li meta raw li kien hemm il-problemi, ppruvaw jikkuntattjaw lin-Nutar li kien ha hsieb il-konvenju, izda dan qalilhom li ma setax jghinhom. Qalet ukoll li darb' ohra kienet iltaqghet ma' Victor Gauci li hadhom jaraw xi postijiet ohra li kellu, biex jippruvaw jiehdu lura d-depositu b'dan il-mod, u fost ohrajn kienu marru jaraw *penthouse* li tifforma parti minn Laura Court, li tigi parti mill-blokka ta' *maisonette* fejn kienu qed joqoghdu John u Carol Briffa. Qalet li dakinhar, mill-veranda tal-penthouse, Gauci kien uriha post antik vakanti li kien maisonette bl-arja tieghu u qalilha li kien ghall-bejgh. Qalet li hi ntebhet li kien qed jigdbilha ghax kienet taf li dak li uriha kien l-istess post li kien diga' ghamel konvenju fuqu l-gharus taghha.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Elizabeth Mariani** li tigi oht l-attur. Din qalet li saret taf li huha kien interessat jixtri maistonette li kellhom ghall-bejgh iz-zijiet taghhom John u Carol Briffa. Qalet ukoll li kienet saret taf li kien hemm mara, certa Josephine Farrugia Potter li kienet se tixtri l-istess post u kienet anke ghamlet konvenju maghhom, imma l-kuntratt ma sarx ghax il-bank ma sellifhiex il-flus li kellha bzonn. Qalet li hija gieli kienet dahlet fil-post peress li maz-zijiet kienu joqoghdu n-nanniet. Qalet li huha ssellef il-flus tad-depositu minghand l-imghallem tieghu.

Ix-xhud qalet li hija stess kienet kellmet lil John Briffa w dan kien qalilha li kien miftiehem ma' kuntrattur certu Victor Gauci li apparti li kellu jibni l-flats ta' fuq, kien offra li jaghmel kwalunkwe xoghol strutturali li xtaq huha. Sahqet li t-tibdil kollu li ried Briffa w l-alterazzjonijiet li xtaq huha, kellhom ikunu inkluzi fil-prezz. Qablu li kellu jsir il-konvenju, w dan fil-fatt sar ghand in-Nutar Robert Muscat, l-istess Nutar li kien ghamel il-konvenju ta' qabel. Qalet li dan apparentement kien in-Nutar li jahdem bih Victor Gauci u kien ukoll ghamel xi konvenju bejn Victor Gauci w il-konjugi Briffa. Kompliet li huha l-attur, kien sar jaf li Briffa kienu ser ibieghu il-blokka kollha lil Gauci w infatti kienu ga ghamlu konvenju ghal dan, imbaghad kellu jkun Gauci li jbiegh il-maisonette/appartament fl-ewwel sular lil huha. Ghal dan il-ghan, huha kellu

jaghmel il-konvenju ma' Gauci li suppost kellu jsir is-sid qabel il-kuntratt ta' huha, pero' sadanittant John Briffa kien qalilha tghid lil huha li d-depozitu ta' €8,600 kellu jhallsu lilu w mhux lil Gauci. Oltre dan, Gauci kien qal lil huha li d-depozitu seta' jithallas lil John Briffa direttament u mhux jibqa' ghand in-Nutar.

Ix-xhud ziedet tghid li qabel il-konvenju, hija kienet ghaddiet zewg cekkijiet iffirmati izda vojta lil huha. Dawn kienu cekkijiet tal-BOV bin-numri 205 u 206. Wiehed kellu jigi ntestat lil tat-Taxxa u l-iehor thalla vojt. Qalet li hi ma kienitx prezenti ghall-konvenju u wara saret taf li c-cekk 206 fl-ammont ta' €8,600 kien gie ntestat lil Victor Gauci fuq direzzjoni tan-Nutar. Huha kien qalilha li waqt il-konvenju stess Victor Gauci kien iffirma c-cekk u ghaddieh lil Briffa. Qalet li meta rat il-konvenju indunat li bhala bejjiegh kien hemm indikat isem tal-kumpanija VG Sutter and Concrete Works Ltd (C21877) u huha lanqas kien induna b'dan u huma dejjem hasbu li kienu qed jinnegozjaw ma' John Briffa u Victor Gauci personalment. Irrakkontat li l-ghada tal-konvenju John Briffa kien cemplilha biex isaqsiha meta jista' jsarraf ic-cekk, ghalkemm hi ma setghetx tifhem x'kienet l-ghaggla.

Hija ziedet li Briffa kien ftiehem maghha w ma' huha li la darba jiehu l-flus kien se jaghti c-cavetta lil Gauci biex jibda x-xoghlijiet, li hi ma tafx ezatt x'kienu. Taf li huha w l-gharusa tieghu kienu regghu marru jaraw il-post u dejjem fethilhom John Briffa peress li c-cavetta baqghet dejjem ghandu. Sostniet li l-ftehim kemm mal-konjugi Briffa w anke ma' Gauci kien li l-kuntratt finali kellu jsir meta jitlestew ix-xoghlijiet u l-flus tal-kuntratt finali kellhom jghaddu lil Briffa bl-istess mod dirett bhad-depositu. Il-konvenju kellu tul ta' sena.

Tul dan iz-zmien bdew jindunaw li kien hemm problemi kbar bejn Briffa u Gauci u allura huma kienu nqabdu bejniethom. Qalet li la Briffa, la Gauci w lanqas in-Nutar qatt ma semmew x'kien hemm u ghalkemm kien sar ftehim bejn il-partijiet interessati kollha li c-cavetta kellha tghaddi lilhom mal-konvenju, Briffa baqghu

izommu c-cavetta. Sostniet li ftit wara l-konvenju, John Briffa kien talabhom ihallsu l-bilanc kollu dovut qabel il-kuntratt finali w din ghamilha bhala kondizzjoni biex itihom ic-cavetta sabiex huha jkun jista' jghaddiha lil Gauci biex isiru l-alterazzjonijiet mehtiega. Hawnhekk allura ntebhu li Briffa ma kienx se jzomm mal-ftehim.

Ziedet tghid li wara l-konvenju bdew hergin numru ta' stejjer dwar problem li kien hemm bejn Briffa u Gauci, kif ukoll li kienu l-Qorti kontra xulxin. Qalet li huha gie jizfen bejniethom, l-alterazzjonijiet baqghu qatt ma saru, l-kuntratt ma setax isir avolja l-konvenju ggedded xi tliet darbiet. Meta l-konvenju ghalaq u ma ggeddidx izjed, id-depozitu lil huha ma ried ituhulu hadd, izda Briffa kien dejjem jghidilha biex ma jinkwetawx ghaliex hu kien ghamel kawza lil Gauci u biha kien ser jisforzah jghaddi l-post lil huha.

Fl-opinjoni tax-xhud, huha Jean Mariani safa ngannat kemm minn Gauci kif ukoll minn Briffa. Sadanittant huha w martu kellhom isibu post iehor anke ghaliex kellhom zewgt itfal u huha kellu jrodd lura t-€8,600 lill-imghallem tieghu, u anke ghamel zmien joqghod m'ommu bil-familja kollha ghalkemm ma kienx hemm bizzejjed wisgha. Sussegwentement saru jafu li anke Josephine Farrugia Potter kellha taghmel kawza biex tiehu d-depozitu tal-konvenju lura.

Huha baqa' ma hax flusu lura w jippretendi li Briffa ghandhom jinzammu responsabbli ghaliex kienu jafu bit-tahwid u fittxew hadulu l-flus kollha kemm huma ghalihom, mentri Gauci ghandu jinzamm ugwalment responsabbli ghaliex anke hu heba t-tahwid li kien hemm u fil-konvenju kien qed jidher hu li qed jipprometti li jghaddi l-flat lil huha, kif ukoll li kien qed jircievi l-flus.

**Carol Briffa** xehdet fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2016. Din qalet li tiftakar li meta iffirmaw il-konvenju fl-4 ta' Frar 2010 kienu prezenti Victor Gauci, hi u zewgha, Jean Louis Mariani, Elizabeth Mariani u n-Nutar. Qalet illi Elizabeth Mariani kienet ghaddiet cekk lil Victor Gauci u dan ghadda c-cekk lilhom peress li kellu

jtihom. Pero' ma sarrfuhx dakinhar. Meta giet murija d-dokument JLM1 ezebit fl-atti ikkonfermat li dan huwa cekk li Elizabeth Mariani kienet tat lil Victor Gauci ghax kienu ghamlu xi ftehim fuq konvenju u li mbaghad Gauci ghadda lilhom. Dan huwa fl-ammont ta' tmint elef u sitt mitt Ewro (€8,600). Fuqu gharfet il-firma taghha. Qalet li ma tafx li effettivament il-konvenju kien skada. In kontro-ezami Carol Briffa qalet li huma ma kinux parti mill-konvenju li kien sar bejn Mariani u Gauci. Ikkonfermat li originarjament huma kienu dahlu f'konvenju ma' Victor Gauci biex ibighulu proprjeta' taghhom inkluz l-arja tieghu. Qalet li Victor iddecieda li waqt li kien fuq konvenju maghhom jaghmel konvenju ma' Jean Louis Mariani fuq parti tal-istess proprjeta' cioe' dak li jirrigwardja l-ewwel sular u Victor Gauci kien obbliga ruhu li jibni xi flats fuq l-arja. Sussegwentement Jean Louis kien ghamel konvenju ma' Victor biex jiehu l-ewwel pjan tal-proprjeta' li Victor kien fuq konvenju maghhom dwarha u ghalhekk sostniet li huma ma kinux parti mill-ftehim li Victor Gauci kellu ma' Mariani. Skond din ix-xhud Victor Gauci kellu jtihom xi imghax, u dan il-pagament kien akkont tal-hlas li kellu jtihom skont dak il-konvenju. Hija qalet li hija konxja li effettivament il-kuntratt finali bejn Mariani u Gauci ma sarx. Iddikjarat li huma ma kellhom l-ebda obbligu biex jibnu l-arja. Sa fejn taf hi c-cekk Dokument JLM1 fl-ammont ta' €8,600 imtela' minn Elizabeth Mariani u ffirmat minnha wkoll u ziedet li ma tafx li kellhom jiehdu xi haga maghhom biex jigbru l-flus meta marru biex jiffirmaw il-konvenju. Sahqet li ma kellha tiehu l-ebda cavetta tal-post mal-konvenju bejn Gauci u Mariani. Ikkonfermat li huma kienu ghamlu l-konvenju taghhom ma' Victor biex ibieghu il-post kif kien. Ic-cwievet baqghu ghandhom u dan ghaliex il-kuntratt finali ma sarx. Qalet li c-cwievet baqghu ghandhom sakemm ghalaq il-konvenju.

Illi nhar is-27 ta' April, 2016 xehed in-**Nutar Dr Robert John Muscat** u spjega li effettivament kif hawn ezebit fl-atti bhala Dokument JRM2 kien sar konvenju bejn Victor Gauci min-naha wahda u Jean Louis Mariani fuq in-naha l-ohra dwar bejgh ta' proprjeta' Flat 1, Triq l-Ursolini, Pieta'. Spjega li effettivament il-kuntratt kellu jsir sas-27 ta' Jannar 2011 cio' nonostante pero' kienet saret

estensjoni ghaliha u dan sar fit-22 ta' Jannar 2013 u dan billi kienu irratifikaw il-konvenju. Anzi spjega illi effettivament dakinhar kienu ghamlu *cancellation* ta' dan il-konvenju u dan ghaliex kien skada fis-27 ta' Jannar 2011. Esebixxa l-kopja ta' din il-*cancellation* li saret bejn il-partijiet li giet mmarkata bhala Dokument Z. Zgur li kienu prezenti dakinhar Jean Louis Mariani u Victor Gauci. Jista' jkun li kien hemm oht Jean Louis ukoll. Mistoqsi jekk kienx hemm xi terza persuna nvolut spjega illi ma jiftakarx. Qed jara cekk mahrug mill-Bank of Valletta mill-kont ta' Elizabeth Lourdes Mariani datat 4 ta' Frar 2010 fl-ammont ta' *eight thousand six hundred Euro* lil Victor Gauci. Dan jinsab ezebit fl-atti a fol 35 u spjega illi dan ic-cekk gie mehud mill-konjugi Briffa fl-istess data u cioe' fl-4 ta' Frar 2010. Pero' dana kien cekk li hareg abbazi ta' konvenju fejn kienet involuta proprjeta' ohra. Mistoqsi jekk effettivament kinux prezenti dakinhar spjega illi ma jiftakarx pero' la hemm il-firma fuq il-parti ta' wara tac-cekk possibilment kienu hemm. Jekk il-konjugi Briffa haduhx dakinhar tal-konvenju ma jistax jikkonferma. Ma jiftakarx ghalkemm jirrizultalu min-notamenti li ghandu illi hadu dakinhar. Ic-cekk inkiteb minnu.

Dak iz-zmien is-Sur Victor Gauci kien klijent tieghu u spjega illi dak iz-zmien il-konjugi Briffa ma kinux il-klijenti tieghu ghalkemm minn dakinhar 'l hawn iktar tkellem maghhom milli mieghu. Spejga illi kien hemm diversi problemi bejn il-konjugi Briffa u Victor Gauci kemm finanzjarji u kif ukoll dwar permessi. Qed jara ezebit fl-atti Dokument SM li huwa konvenju bejn il-konjugi Briffa u VG Shutters dwar fejn VG Shutters obbliga ruhu li jixtri *maisonette* 1257, Triq Ursolini, Gwardamangia minghand John u Carl Briffa. Il-prezz kien ha jithallas parti mill-flus u parti bi tpartit ta' garaxx u li dakinhar stess kien sar konvenju fuqhom u qed jara dan id-dokument ukoll esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument SM1. Fid-dokument SM hemm referenza tal-proprjeta' li kien se jinxtara minn Mariani u meta kellu jsir il-kuntratt finali ma' Mariani VG Shutter kellhom bzonn l-arja biex jizviluppa l-arja tieghu.

Gie muri tliet dokumenti ohra li huma mmarkati bhala Dokument SM2, 3 u 4. Dawn huma tliet *extensions* li saru abbazi tal-konvenju mmarkat bhala Dokument SM1. Dawn l-*extensions* hemm ukoll regolat il-hlas ta' penali u imghax dovut fuq il-konvenju Dok SM1. X'kienu c-cirkostanzi li wasslu ghal dan il-ftehim u cioe' dak indikat fid-Dokument SM2, 3 u 4 spjega li ma jafx illum-il gurnata. Naturalment dan huwa riflessjoni ta' dak li xtaqu l-partijiet dakinhar. Zgur li sal-4 ta' Frar 2010 il-konvenji msemmija f'Dokument SM u SM1 kienu ghadhom ma sarux u naturalment l-imghax u penali fuq id-dokumenti SM u SM1 kienu qed jakkumulaw. Dawn kienu dovuti minn VG Shutters. Fid-dokument li ffirmaw hemm imnizzel li huwa akkont tal-prezz u mhux li huwa rapprezentanti imghax u penali fil-konvenju inkwistjoni. Ma jafx illi qatt gie diskuss quddiemu illi l-8,600 jirraprezenta l-penali. Kieku qalulu hekk, hekk kien inizzel. Huwa minnu illi l-konjugi Briffa ma kellhom l-ebda obbligu li jaghmlu x-xoghlijiet fil-mori tal-konvenju u lanqas jidhirlu li kien hemm xi obbligu li jghaddu c-cwievet. Naturalment jekk kien hemm kien jitnizzel fil-konvenju. Naturalment gieli jiftehmu l-partijiet bejniethom u huma ma jkunux jafu u mhux normali lanqas li jithallas bilanc qabel ma jsir l-att finali. Mistoqsi jekk effettivament il-konjugi Briffa hadux lura 1% dwar il-konvenju ffirmati minnhom spjega li ma jafx haduhx pero' jaf li ghamel applikazzjoni ghalihom. Jekk hemm bzonn jista' jipprezenta tali applikazzjoni permezz ta' nota. Ma jiftakarx li effettivament xehed f'kawza li ghamlu Briffa kontra VG Shutters. Jaf li kellhom isiru xi xoghlijiet fil-komun sabiex il-*maisonette* isir flat fejn hemm indikat fil-konvenju esebit fl-atti a fol 37. Mistoqsi jekk ix-xoghlijiet li kellhom isiru jekk kellhomx isiru qabel il-kuntratt finali jew fil-mori tal-konvenju wiegeb il-kuntratt finali kellu jsir una volta x-xoghlijiet tlestew skont il-klawsola 15 tal-istess dokument a fol 37 u ghalhekk ix-xoghlijiet kellhom isiru fil-mori tal-konvenju. F'kaz li x-xoghlijiet ma jitlestewx il-konvenju inkwistjoni kellu jigi estiz. Naturalment f'dak il-mument il-proprjeta' kienet ghadha tappartjeni lil Briffa pero' ma jiftakarx f'idejn min kienu c-cwievet. Ix-xoghlijiet kellhom isiru minn VG Shutters and Concrete Works li ma kienx sid.

Illi nhar it-8 ta' Gunju, 2016 xehed **Jean Louis Mariani** u spjega li dakinhar li kienu qeghdin jaghmlu l-konvenju c-cekk imtela' minn Victor Gauci, iffirmah quddiemhom u ghaddieh lill-konjugi Briffa fil-prezenza taghhom quddiem in-Nutar. Filfatt kien miftiehem minn qabel li Briffa kellhom ikunu prezenti ghal dakinhar u dak ghaliex dakinhar tal-konvenju kellhom ikunu prezenti biex jghaddulhom ic-cwievet biex ikunu jistghu jibdew bix-xoghol. Dan ghaliex ix-xoghol kellu jitlesta qabel il-kuntratt finali. Cio' nonostante c-cwievet ma nghatawx mal-konvenju. Ic-cwievet kellu johodhom Victor biex jibda x-xoghol fil-post. Mistoqsi jekk huma staqsewx ghac-cwievet dakinhar spjega li iva staqsewhom pero' qalulhom li kienu nesewhom. Qalulhom li kellhom igibuhom mill-ewwel pero' dejjem bdew jitrattjenu u jgibulhom l-iskuzi. Filfatt meta kien icempillhom kien jigi jifthilhom is-Sur Briffa, qatt ma tawhomlhom f'idejhom u dan dejjem ghas-skopijiet tax-xoghlijiet. Ix-xoghol pero' qatt ma nbeda. Spjega li huwa kien gab persuna ohra sabiex jibda biex jaghmel ameljoramenti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-bini per ezempju rigward madum u kien mar jifthilhom Mr Briffa. Mistoqsi jekk effettivament Gauci talabx lis-Sur Briffa biex itih access u jtih ic-cwievet spjega li quddiemu fil-prezenza tieghu talbu diversi drabi.

**Elisabeth Mariani** xehdet in kontro-ezami fit-13 ta' Lulju, 2016 fejn qalet li d-deposit ma thalliex man-nutar ghaliex kien hemm ftehim ma' John Briffa li kellu jinghata lilu direttament. Qalet li effettivament kien cemplilha hu stess fuq il-mobile taghha, fejn ghall-ewwel talabha sabiex ittih il-flus dirett b'mod *cash* pero' hija rrifjutat u sussegwentement xtaq li c-cekk isir f'ismu u hi qaltlu li kienet se thallih vojt f'idejn in-nutar. Huwa baqa' jinsisti li effettivament ic-cekk jinghata lilu direttament dakinhar stess sabiex Victor Gauci ma jkollux ic-cans li jsarrfu qabel. Spjegat li dan id-diskors kollu sar ezatt qabel marru ghall-konvenju, xi granet qabel. Mistoqsija ghaliex effettivament id-diskussjoni saret maghha wiegbet li hija minn dejjem ghenet lil huha w dwar flus dejjem hi li tkellmet ma' John u Carol Briffa. Sostniet li ma tantx kellhom ghazla - jew Briffa jiehu l-flus direttament dakinhar jew il-konvenju ma jsirx u billi Briffa kien iz-ziju taghha, kienet tafdah. Ghalkemm ikkonfermat li huwa minnu illi

Briffa ma kellux parti mill-konvenji, ziedet li pero' kien prezenti dakinhar u kompliet tghid li effettivament kien hemm ftehim li kienu se jircievu c-cekk dakinhar, u kien ghalhekk li marru. Pero' huwa minnu li dan mhux rifless fil-konvenju. Qalet ukoll li hija ma dehrilhiex li kellha tghid lin-nutar biex idahhlu fil-konvenju ghaliex in-nutar jaf x'inhu xoghlu. Temmet billi qalet li hija ma tafx li effettivament Briffa kellhom jiehdu xi flus minghand Victor Gauci.

**Jean Louis Mariani** xehed in kontro-ezami fid-19 ta' Ottubru, 2016 u mistoqsi jekk jiftakarx li effettivament kien gia gie ffirmat konvenju bejn iz-zijiet u Victor Gauci fuq l-istess proprjeta' li kien se jixtri huwa, spjega illi iva. Spjega li effettivament l-arrangament fuq dak li kellu jsir minn fuq il-post saru kollha ma' Victor Gauci. Kien jaf li effettivament kellu jaghmel konvenju dirett ma' Victor Gauci minkejja li Victor Gauci kien gia marbut maz-zijiet tieghu konjugi Briffa. Huwa minnu li meta hu effettivament ghamel konvenju ma' Victor Gauci z-zijiet konjugi Briffa ma kinux parti minnu pero' kienu prezenti. Jaqbel ukoll illi c-cekk li hu ghadda lil Victor Gauci dakinhar gie mghoddi lill-konjugi Briffa fuq il-ftehim li kien hemm bejniethom minn qabel. Dan il-ftehim kien sar fil-prezenza tan-nutar. Kien ftehim verbali. M'huwiex minnu dak li gie ssuggerit lilu effettivament li huwa kien spjega liz-ziju tieghu John Briffa sabiex l-ewwel jasal hu ma' Victor Gauci u mbaghad jaghmel kuntratt hu. Dan ma setghax isir. Huwa ma kien jaf xejn dwar il-konvenju li kien hemm bejn il-konjugi Briffa u Gauci. Suppost ic-cwievet tal-fond inghataw mac-cekk u fil-fatt kienu qalu hekk meta marru biex jaghmlu l-konvenju. Pero' bil-miktub ma kien hemm xejn dwar ic-cwievet. Ic-cwievet kellhom jinghataw meta' kellu jsir il-konvenju ta' bejniethom biex ix-xoghlijiet jibdew u naturalment dan id-diskors sar quddiem in-nutar. Pero' c-cwievet ma gewx mghoddija dakinhar ghaliex intesew. Dakinhar il-konjugi Briffa ma gabuhomx maghhom ic-cwievet.

Spjega illi t-tmint elef u sitt mija li Victor Gauci ghadda lil Briffa kienu jirraprezentaw parti mill-pagament li Victor Gauci kellu jaghti lil Briffa u meta effettivament isir il-kuntratt finali bejnu u bejn Victor Gauci, Briffa kellhom

jithallsu tal-pagament dovut lilhom u l-bilanc ma kellux x'jaqsam mieghu hu. Spjega illi huwa minnu illi wara li kien sehh il-konvenju John Briffa xtaq illi huwa jtih il-flus kollha qabel ma jaghmel il-kuntratt finali ma' Gauci. Wara li kien sar il-konvenju kien jitlob ic-cwievet pero' ma waslux u kien icempel lis-Sur Briffa, kien imur jiftahlu bhal mal-plumber per ezempju biex jara minn fejn ha jghaddi x-xoghlijiet pero' c-cwievet qatt ma' ghaddihomlu u darba minnhom jaf ukoll li ha l-bennej fuq il-post u ghal darb'ohra kien fetahlu Briffa. L-access ma cahdux pero' m'ghaddilux kopja tac-cwievet u spjega illi effettivament Briffa ma riedx jghaddilu kopja tac-cwievet ghax ried li x-xogholijiet kollha jsiru, isir il-kuntratt u mbaghad itih ic-cwievet.

Mistoqsi jekk il-konjugi Briffa kinux qed jigru wara Victor Gauci biex isir il-kuntratt spjega li ma jafx. Huwa minnu li l-post li kien se jixtri jien kien gia vojt. Il-post li kien se jixtri hu effettivament ma kellux poggaman u dan ghaliex kien tbattal. Il-poggaman kien fil-common area. Huwa ma kellux x'jaqsam mal-common area. Hu mill-bieb il-gewwa. Minn mal-poggaman kellhom isiru erba' flettijiet, anzi tlett flettijiet u penthouse u ghalhekk il-poggaman kien tnehha sabiex Gauci jkun jista' jaghmel ix-xoghlijiet rikjesti. Kien jaf li dawn ix-xoghlijiet li kellhom isiru fil-komun kienu marbutin ma' xi konvenju li kien hemm bejn Gauci u Briffa. Huwa naturalment ried jidhol gol-post meta kien xtrah. Spjega illi huwa minnu li qabel ma sar il-konvenju r-relazzjoni tieghu maz-zijiet kienet tajba. Wara li effettivament sar jaf il-fatti tal-kawza, r-relazzjoni bejnu u bejn iz-zijiet tieghu l-konvenuti Briffa spiccat. Huwa minnu li huwa kien mar ghand l-avukat difensur tal-konjugi Briffa fejn qallu li kien lest li jixhed fil-kawza li huma kellhom kontra Gauci u kien mar minn rajh.

Qal li huwa minnu li sakemm inqatghet il-kawza li kien hemm bejn Gauci u Briffa huwa kien qed jigri wara Gauci sabiex jiehu l-flus u biex isiru x-xoghlijiet. M'huwiex cert jekk il-konvenju bejnu u bejn Gauci kienx gia skada meta nqatghat il-kawza ta' bejn Gauci u Briffa. Huwa ma jafx kif inqatghat il-kawza bejn Gauci u Briffa, ezatt ma jafx. Huwa sar jaf b'certu affarijiet ghaliex Victor

mar isibu wara. Huwa ma jafx jekk hux minnu illi tmint elef u sitt mitt euro li hallas hu u gew mghoddija lil Briffa minghand Gauci kellhom jinzammu minghand Briffa f'din is-sentenza. M'huwiex minnu li huwa beda jigri wara l-flus wara li nqatghat is-sentenza. Huwa wara l-ewwel sena beda jigri wara flusu u dan ghaliex kien tahom sena biex ix-xoghlijiet isiru u jsir il-kuntratt. Jaf illi kien hemm kawza minn Josephine Farrugia Potter kontra l-konjugi Briffa. Dan ghaliex l-informazzjoni nghatat lilu mill-Imsida ghax jaf li Farrugia Potter hi mill-Imsida wkoll.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami mistoqsi ghaliex effettivament Briffa ma tahx ic-cwievet spjega illi skont ma' qallu Briffa li ma kienx lest jaghtih ic-cwievet minkejja li kien obbliga ruhu li jtihomlu verbalment qabel ma' Victor Gauci jibda bix-xoghlijiet u x-xoghlijiet qatt ma bdew. Briffa ried li jaghmel il-kuntratt kif kien, fl-istat li kien u kien lest li jtih ic-cwievet u naturalment ic-cwievet mhux itihom lilu izda jtihom lil Victor Gauci biex ikun jista' jaghmel ix-xoghlijiet. Victor Gauci kien jghidlu li huwa ma bediex bix-xoghlijiet ghaliex is-sinjuri Briffa ma riedux ituh ic-cwievet.

**Dr Yvette Borg** in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali xehdet nhar it-30 ta' Novembru 2016 fejn iddikjarat illi hi giet mitluba sabiex taghmel ricerka jekk effettivament kienx hemm xi kawza pendenti quddiem il-Qrati Civili ta' Malta minn Josephine Farrugia Potter fejn fihom kien hemm ukoll involuti John Briffa u Carol Briffa. Hi qalet illi mir-ricerka li ghamlet irrizulta illi fl-Acts module tal-Lecam fejn ghamlet bhala attrici Josephine Farrugia Potter u ghamlet kontra Briffa u ma rrizulta xejn kif ukoll jirrizulta d-Dokument li esebiet li gie mmarkat bhala Dokument JFP.

Qalet illi mill-istess isem Josephine Farrugia Potter kontra Briffa fil-Case Management u wkoll kien hemm rizultat negattiv kif jirrizulta mid-dokument JFP1. Qalet illi effettivament ghamlet search iehor fejn dahlet Josephine Farrugia Potter biss u qalet illi telghat kawza kontra Victor Gauci u sussegwentement

qalet ukoll li kien gie ntavolat appell u dan irrizulta mid-Dokument JFP2. Pero' f'din l-istess kawza qalet illi l-konjugi Briffa ma kienux involuti.

Illi fit-30 ta' Novembru 2016 gie pprezentat l-affidavit ta' **David Borg** fejn stqarr illi huwa mizzewweg lit-tifla ta' John u Carol Briffa. Hu, martu w ohtha u r-ragel taghha spiss kienu jiltaqghu socjalment ma' Jean Louis Mariani, hutu u n-nisa u l-irgiel taghhom, inkluza Elizabeth Mariani, oht Jean Louis Mariani.

Darba minnhom ftakar illi kienu qeghdin Bahar ic-Caghaq u f'wahda minn dawn l-okkazjonijiet fejn kien prezenti hu (u martu Janet), Jean Louis u ohrajn, marret fuq il-post Elizabeth u bdiet issemmi ma' Jean Louis xi flus li kienet sellfet lill-istess Jean Louis minhabba konvenju li huwa kien ghamel ma' certu Victor Gauci sabiex l-istess Jean Louis jixtri l-post ta' John u Carol Briffa. Elizabeth li kienet qeghda titmashan mhux hazin, tant li inqala xi ftit pandemonju, bdiet tghid kliem fis-sens li riedet dawk il-flus lura, u bir-rabja, Jean Louis telaq minn fuq il-post bil-karozza biex ifittex jew ikellem lill-isemmi Victor Gauci ghall-dawk il-flus.

Ftakar ukoll illi wara hafna zmien minn dan l-episodjum ikkalkula xi erba' snin wara, hu u martu kienu qeghdin f'okkazjoni ohra fejn iltaqghu socjalment (ftakar kien hemm ukoll oht Jean Louis l-ohra) u r-ragel taghha, Ronald, li maghhom kienu u ghadhom hbieb u kien hemm ukoll Elizabeth. F'din l-okkazjoni martu, Janet, kienet semmiet illi ommha u missierha kienu bieghu l-post li kellu jixtri Jean Louis, u meta semghet dan Elizabeth qalet *"hekk sew!"* jew kliem f'dan is-sens u b'rabja kbira (indirizzata lil Janet) qalet ukoll li kienet ser tmur tkellem l-avukat ghax kienet qeghda tippretendi li tithallas minn John u Carol Briffa. Qal illi din kienet l-ewwel darba li hu semgha dan id-diskors. Ftakar ukoll illi meta martu Janet semghet dan id-diskors, u tant haditha bi kbira illi kienet infaqghet tibki. Minn dakinhar, kemm Jean Louis kif ukoll Elizabeth ma regghux kellmuhom iktar.

Illi fit-30 ta' November 2016, xehed **John Briffa** li qal illi hu filfatt kellu konvenju flimkien mal-mara tieghu Carol ma' V&G Shutters rapprezentata minn Victor Gauci u qal illi fuq il-konvenju li kienu ffirmaw sahansitra anke saru xi estensjonijiet dawru.

Ikkonferma li effettivament kien hemm zewg konvenju. Hu kien obbliga ruhu li jbiegh id-dar tieghu lil Victor Gauci u x-xhud kien se jixtri dar minghand Victor Gauci bi tpartit fejn Victor kellu jzid lix-xhud hamsa u hamsin elf Lira Maltin. Qal li effettivament kienu jsiru diversi estensjonijiet u dan ghaliex Victor Gauci dejjem kien jghid li issa kien se jgib il-flus peress li kien se jbiegh xi proprjeta' ohra minn tieghu u gieli kien jghid li sahansitra kien se jgib il-flus minghand ommu. Dan bil-ghan li jhallas lix-xhud d-differenza fil-prezz pero' qatt ma wasal u ghalhekk il-kuntratt qatt ma sar. Qal li effettivament kien hemm tlettax-il estensjoni fuq il-konvenju. Qal illi fil-fatt ma' Victor Gauci kienu sahansitra anke ftehmu fuq imghax u penali u dan wara li kien hemm certu zmien meta ma wasalx bil-flus kienu ddecidew li jhallsu bl-imghax. Qal illi qabel ma skadew il-konvenji kienu ghamlu ittra ufficjali u insegwitu qal ukoll li fethu kawza. Il-kawza llum tinsab deciza. Il-Qorti ddecidiet li l-flus li kien tah Victor Gauci kellu jzommhom bhala danni li hu sofra. Is-sentenza tinsab ezebita fl-atti datata 26 ta' Frar 2014 fl-ismijiet John u Carol Konjugi Briffa vs VG Shutter Concrete Works Limited a fol 71 tal-process. Qal li fuq dik is-sentenza ma kien hemm l-ebda appell li gie deciz.

Mistoqsi jekk is-Sur Mariani kienx xehed f'dik l-istess kawza qal li iva effettivament kien xehed u iddikjara li huwa kien ta xi flus lil Victor Gauci u Victor Gauci wkoll ma wasalx fil-konfront tieghu. Ix-xhud ftakar li effettivament l-avukat tieghu kien ukoll tkellem mas-Sur Mariani. Is-Sur Marini kien mar minn rajh. Qal ukoll li in segwitu ghal dik is-sentenza, jaf li kien biegh id-dar tieghu (ix-xhud) u minn dakinhar 'l hemm jaf li Mariani kien kiteb ittra bl-avukat tieghu sabiex itih (ix-xhud) xi flus pero' hu qatt ma talbu biex itih xi flus.

Kien wara li biegh id-dar li kien talbu xi flus. Spjega li dakinhar fuq il-konvenju jaf li rcieva cekk minghand Victor Gauci u li effettivament kien l-istess cekk li oht Mariani kitbet lil Victor Gauci li gie mghoddi lilhom u dan peress li qal li Victor Gauci kellu jtih tal-imghaxijiet u dik is-somma kienet tirrapprezenta l-imghaxijiet li kienu dovuti lilu u qal li l-konvenju kien ghadu fis-sehh meta effettivament Victor Gauci kien hallas lix-xhud dawn l-imghaxijiet.

Qal ukoll illi huma kienu ftehmu dakinhar illi meta kien isir il-kuntratt u hu jiehu c-cavetta taghhom, hu jaghti c-cavetta lil Victor Gauci u Victor Gauci jhallas il-bilanc li kellu jaghti lix-xhud tal-hamsa u hamsin elf Maltin. Qal li effettivament Victor Gauci kien se jibni fuq il-proprejta' li kien se jixtri minghandhom u li kien se jaghmel zvilupp u qal illi nel frattemp huwa kien ftiehem ma' Mariani u Mariani kien se jixtri appartament minn dan il-blokk. Effettivament dik il-parti kienet ga mibnija. Qal ukoll illi Victor Gauci kellu jaghmel xi alterazzjnijiet ghas-Sur Mariani u meta s-Sur Gauci kien jitolbu biex jiftah il-post effettivament kien imur jiftahlu. Qal illi kemm Mariani kif ukoll Gauci kien talbu biex jiftah.

Qal illi skont is-sentenza, il-flejjes kellhom jigu mizmuma minnu minhabba d-danni sofferti minhabba l-agir ta' Galea. Effettivament hu thallas sal-imghaxijiet skont il-ftehim li kien hemm bejniethom, bejnu u bejn Galea u dana skont l-estensjoni li kien sar fuq il-konvenju. Hu pero' qatt ma nsista ma' Mariani u Gauci press li Victor Gauci kien qallu biex jattendi biex ikun jista' jiehu l-flus. Qal li dak li ghadu kif qal hu qalu bil-gurament b'responsabbilta' tieghu. Xtaq jghid li hu kull ma' jaghmel dejjem jaghmlu mal-mara u qal li hu effettivament mar jerga' jirrepeti ghaliex Gauci talbu biex ikun prezenti biex jithallas. Qal li hu kellu ftehim ma' Gauci li una volta li jithallas itih ic-cavetta. Pero' qal li effettivament kull darba li gie mitlub biex jiftah il-post kien imur jiftah.

Qal li kien car il-fatt illi Victor ma kienx se jkollu kopja tac-cwievet qabel ma jhallsu. Qal li kien jaf minn qabel u illi fil-konvenju tieghu ma' Gauci kien hemm imnizzel. Mistoqsi ghaliex ma kienx imnizzel fil-konvenju bejn Gauci u Mariani

qal li ma jafx ghax dik kienet l-affari taghhom u li ma kellux x'jaqsam hu. Qal li hu ma kellux ghalfejn jintervjeni fuq il-konvenju bejn Gauci u Mariani ghax hu ma kienx parti minnu. Hu kellu x'jaqsam biss ma' Victor Gauci u li effettivament mar jiftah il-post kull meta gie mitlub. Qal li darba minnhom jaf li Mariani talbu biex jiftah ghax kellu xi haddiem u hu mar jiftahlu. Qal illi Victor Gauci qatt ma qallu biex jiftahlu minhabba haddiema ohra, pero' lilu Mariani u lanqas ohtu qatt ma qalulu li kellhom problem ghaliex ma setghux imorru fuq il-post biex jaghmlu x-xogholijiet.

Permezz ta' Nota ta' John Briffa u Carol Briffa, giet prezentata kopja ta' traskrizzjoni ta' xhieda li kienet inghatat quddiem l-assistant gudizzjarju l-avukat Dr. Michael Camilleri fil-kawza John Briffa et vs. VG Shutter and Concrete Works Ltd. (Citazz. Nru. 779/10JPG), illum res judicata.

F'din il-kawza xehed **In-Nutar Robert Muscat** li bil-Malti u bil-gurament tieghu ipprezenta kopja taz-zewg estensjonijiet sia ghall-konvenju bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata fejn ir-rikorrenti kien se ibighu proprjeta' u sia ghall-konvenju l-iehor fejn is-socjeta' intimata kienet se tbiegh proprjeta' lir-rikorrenti. Id-dokument konsistenti f'zewg pagni gew immarkati bhala Dok 'RM1'. Hu kkonferma li d-dokumenti a fol 8 u 9 u a fol 14 sa 20 tal-process *(779/10 JPG)* huma l-konvenji li kellu kif semma u qal li dawn gew redatti minnu stess.

Ilghala ma sarx l-att finali hu spjega li l-ftehim bejn partijiet kien li jpartu l-proprjeta' bejniethom bil-hsieb li VG Shutter & Concrete Ltd jibni fuq l-arja tal-proprjeta' deskritta fil-konvenju bejn John Briffa u s-socjeta' konvenuta. Spjega illi fil-frattemp is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet weghda ta' cessjoni sabiex maisonette ta' Briffa tigi assenjata lil certa Josephine Farrugia Potter u dan, fil-fehma tieghu sabiex ibiegh il-proprjeta' u bil-flus ihallas xi differenza li kellu mar-rikorrenti. Ix-xhud spjega illi l-promessa ta' cessjoni ma sarx u sa fejn kien jaf, dan peress illi dik Farrugia Potter ma setghetx tirranga mal-Bank. Qal illi

kienet saret weghda ta' cessjoni ohra bejn is-socjeta' konvenuta u terza persuna relattivament ghall-istess proprjeta' li kienet se tixtri l-istess socjeta' konvenuta u li dak il-kuntratt kien ghadu ma sarx.

Ix-xhud qal illi fir-rigward il-proprjeta' li kellhom jixtru s-sinjuri Briffa, fid-9 ta' Dicembru 2009 kien hemm zewg ipoteki registrati a favur il-BOV izda dawn gew ikkancellati (referenza numru 119/2010). Qal ukoll illi hemm mandat ta' inibizzjoni mahruga minn E. Grech Crystal Bath Ltd fuq il-proprjeta' li kellhom jixtru l-atturi u ghalhekk ix-xhud esebixxa kopja tal-mandat u mmarkah bhala Dok 'RM2'.

In kontro-ezami, ix-xhud qal li kien hemm diversi estenzjonijiet tal-konvenji u li fil-fatt kien hemm wiehed u ghoxrin (21) estensjoni u li l-estensjonijiet dejjem irrigwardaw iz-zewg konvenju. Qal illi l-ahhar wiehed huwa datat 28 ta' Mejju 2010 fejn il-konvenji gew imgeddin sat-30 ta' Gunju 2010. Meta gie mistoqsi meta sar jaf bil-mandat, huwa wiegeb illi hu sar jaf bih fis-6 ta' Mejju 2010 u li ma jiftakarx jekk informax lis-sinjuri Briffa u li seta jkun ghax kienu jcemplulu hafna u probabbli avzhom pero' certament qal li nforma lil Victor Gauci ta' VG Shutters and Concrete Ltd. Fir-rigward l-outcome finali tas-sentenza qal illi ma jafx x'inhu u li l-kuntatt mal-klijenti naqas hafna ghax imbaghad giet pprezentata din il-kawza. Fir-rigward tal-promessa ta' cessjoni qal li m'ghandux id-dettalji mieghu pero' qal li dik il-promessa ta' cessjoni kienet waqghet u minflok gie miftiehem promessa ohra bl-istess kondizzjonijiet lil persuna li kif dak il-hin ftakar ix-xhud, jigi mis-sinjuri Briffa u sa fejn jaf kien ghadu validu. Ix-xhud ipprometta li jesebixxi d-dettalji ta' dik il-promessa ta' cessjoni sas-seduta sussegwenti permezz ta' nota fir-registru.

Illi xehdet **Audrey Vassallo** li bil-Malti u bil-gurament qalet li fl-ahhar seduta xehed il-kollega taghha Emanuel Sciriha, Assitent Registratur tal-Qrati Civili Malta u ridtuh jivverifika l-ezitu tal-mandat ta' inibizzjoni 1717/2010 fl-ismijiet John u Carol Briffa vs VG Shutter & Concrete Ltd u qalet li t-talba ghall-hrug

tal-mandat gie michud u esebixxiet kopja tas-sentenza u mmarkha bhala Dok 'AV1'.

Fil-kawza 779/10 JPG xehdet **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, li saqsiet ghall-esenzjoni u peress li ma kienx hemm esenzjoni da parti tas-socjeta' attrici, din ix-xhud ma setghetx taghti x-xhieda taghha. Iddikjarat ukoll li t-talba ghall-hrug tal-mandat gie michud.

Fl-istess kawza xehed **Jean Louis Mariani** li qal li hu jaf lil Victor Gauci peress li kien imhajjar jixtri post u mar jara post li kien proprjeta' tieghu. Ix-xhud spjega li John u Carol Briffa huma z-zijiet tieghu. Kompla billi qal illi hu ghamel konvenju ma' Victor Gauci u kien jiskadi f'Jannar tas-sena 2017. Qal li kellem lil Victor Gauci qabel ma skada l-konvenju u kellu jhallas penali lil Bank peress li kellu jaghmel estensjoni. Spjega li r-raguni ghalfejn il-konvenju kien ghal sena ghaliex Victor kellu jibni fuq il-post li kien se jixtri u li kellu jaghmel estenzjoni tal-konvenju ghaliex ma kienx beda x-xoghol.

Qal li qabel ma sar il-konvenju hu kien kellem lil Victor f'Dicembru tas-sena 2009 u li Victor kien qallu li kellu xi problemi zghar flus li kienu se jitrangaw bis-sanction letter tieghu u fil-fatt kien tah kopja tas-sanction letter. Matul Jannar 2009 u Jannar 2010, u cioe', il-perjodu tal-konvenju huwa kien qal li kien se jibda jibni u qal ukoll li fis-sajf kien avvicinah biex jaghmel l-kuntratt mill-ewwel minghajr ix-xoghol ikun lest. Kienu ftehmu prezz iehor bhala kumpens ghalih pero' minn dan ma sar xejn. Recentament, ukoll rega' qal lix-xhud li suppost ix-xogholijiet kienu se jibdew dalwaqt.

In kontro-ezami meta gie mistoqsi jekk kienx hemm xi haga bil-miktub fil-ftehim jew proposta ta' ftehim li kien ghadu kif semma. Huwa wiegeb illi kien kollu fil-fomm izda kkonferma li qatt ma kien konkluz xejn. Qal illi l-post li kien ser jixtri, kien ta' zijuh u li l-arja tal-post huwa taghhom sa llum. Fir-rigward il-prezz, huwa qal illi l-prezz kien ta' €86,000 u kien hallas €8,600 bhala deposit u

bilanc suppost mal-firma tal-kuntratt. Dan il-post kien ir-residenza taghhom u ppreciza illi zijuh kienu jghixu fid-dar kollu izda hu kien se jixtri l-ewwel pjan.

Illi xehed **Adrian Grech** li qal illi hu jbiegh il-bathrooms izda wkoll direttur ta' kumpannija li tizvillupa l-propjeta'. Qal illi jaf lil Victor Gauci bhala klijent li kien jixtri materjali ghall-kostruzzjoni kif ukoll ghax hu kien qabbdu bhala kuntrattur sabiex jaghmel xi xoghol f'post in-Naxxar. Il-post fin-Naxxar kienet proprjeta' ta' AWBG Ltd u hu kien wiehed mid-diretturi tal-kumpannija. Fir-rigward l-invoices, huwa qal illi sa fejn jaf hu, l-invoices tieghu kienu johorgu 'Victor Gauci c/o VG Shutters and Concrete Ltd'. Qal illi hu kien beda x-xoghol pero' ma giex konkluz minhabba l-fatt li x-xoghol ma kienx qed isir skont l-awtorizazzjoni tal-perit kif ukoll ghaliex ma kellux flus sabiex igib l-materjali u jhallas l-impjegati. Spjega kif Victor Gauci kien ha xoghol minn E. Grech Crystal Bath Ltd, bil-weghda li jhallas biex-xoghol li kellu jaghmel in-Naxxar u mbaghad l-AWBG Ltd kellha thallas li E. Grech Crystal Bath Ltd. Huwa ccara li hu t-tifel ta' wiehed mid-diretturi tal-kumpanija E. Grech Crystal Bath Ltd.

Fir-rigward il-kont, ix-xhud qal illi Victor Gauci qatt ma kkontesta l-kont u li ma jafx kemm kien il-valur tax-xoghol li kellu jaghmel Naxxar u ma jafx jekk hemmx xi differenza. Spjega li dak li kien jaf zgur huwa li kien hemm pretenzjoni ghall-hlas ta' flus u fil-fatt qieghdin il-Qorti. Qal ukoll li kien sar mandat ta' inibizzjoni u sar minn E. Grech Crystal Bath Ltd. Meta gie muri mandat ta' inibizzjoni esebit dakinhar bhala RM2 u gie mistoqsi jekk kellu xjaqsam mal-proprejta' tas-sinjuri Briffa, huwa kkonferma li jaf li hemm mandat ta' inibizzjoni pero' qal illi ahjar li jixhed xi hadd iehor mill-kumpannija E. Grech Crystal Bath Ltd dwar dan.

Illi fl-24 ta' Mejju 2017, xehed **David Borg** in kontro-ezami fejn iddikjara li hu jikkonferma illi effettivament hu kien iltaqa' ta' spiss ma' hut Jean Louis Mariani. Filfatt kien close hafna anke ta' ohtu u li huwa minnu li huma kellhom boat house vicin taghhom pero' huwa minnu wkoll li huma kienu jiltaqghu

maghhom hemmhekk ta' spiss u apparti dan kienu johorgu wkoll flimkien. Qal li m'huwiex veru dak li gie suggerit lilu illi hu lanqas ma kien prezenti ghat-tieg ta' Jean Louis Mariani ghax kien hemm u qal li m'ghandux x'jaqsam xejn ma' oht il-mara tieghu stess. Qal li ma jafx jekk kinitx marret it-tieg ta'Jean Louis jew le u jista' jkun li effettivament ma marritx it-tieg tieghu. Spjega li jaf li darba minnhom hu kien qieghed Bahar ic-Caghaq u li fis-siegha u l-hin marret Elizabeth u jaf li nqala' pandemonju ma' Jean ghax qaltlu li riedet il-flus minghand Victor Gauci u jaf li effettivament in segwitu l-attur mar biex ifittex lil dan Victor. Qal li hu ma kienx jaf li Victor kien involut f'xi kaz iehor ghalhekk hadha li kien qed jitkellem fuq dan il-kaz. Hu kien prezenti meta nqala' dan il-pandemonju bejn Elizabeth u Jean Louis meta Jean Louis telaq biex mar ifittex lil Victor gewwa l-Mellieha. Il-kelma konvenju dakinhar ma ssemmietx pero' qal li semmew il-flus li kellu jingabar minghand Victor. Mistoqsi jistax ikun il-flus li kellhom jingabru ma kellhomx x'jaqsmu mal-konvenju li hemm involut f'din il-kawza qal illi kieku ma ssemmiex Victor ma jistax jghid fuq xiex kien pero' peress illi ssemma' Victor hu hadha li kien referenza ghal din il-kawza.

Qal li mhux veru li qed jigi suggerit lil u li hu waqaf ikellem lil Elizabeth tliet snin qabel minhabba kwistjoni li seta' kellu maghha fuq Suzuki Alto u cioe' l-log book taghha. Jaf illi xi erba' snin qabel pero' Elizabeth kienet marret l-Armier fejn kienu huma u bdiet tghajjar lill-mara tieghu (tax-xhud) u minn dakinhar 'il hemm ma regghux tkellmu. Xtaq jghid li effettivament il-bejgh ta' din is-Suzuki li suggerilu l-avukat difensur tal-attur inbieghet ghaxar snin qabel u mhux tliet snin u qal illi effettivament qed jinghad illi l-kwistjoni nqalghat tliet snin qabel ghax riedet kopja tal-logbook sabiex iggib xi refund tal-VAT. Qal illi jista' jkun li talbitu dan id-dokument pero' hu ma kellux kwistjoni maghha dakinhar. Qal ukoll illi jista jkun li talabha dan id-dokument pero' hu ma kellux kwistjoni maghha dakinhar. Qal illi filfatt kien kellimha biex ittih kopja tal-log book u taghtielu. Anzi qal issa li mhux vera talabha l-log book tliet snin ilu. Anzi issa qal li jista' jkun li talabulha pero' nesa'. Spjega illi mhux vera li hu ggieled ma' Elizabeth minhabba l-kwistjoni tal-logbook tliet snin qabel.

Illi fl-24 ta' Mejju 2017 xehdet **Elizabeth Mariani** fejn bil-Malti u bil-gurament taghha qalet illi hi kienet ggieldet ma' David Borg sentejn qabel ma effettivament infethet il-kawza u cioe' 2013 u dana minhabba l-kwistjoni ta' Suzuki Alto. Qalet illi ghandha motoring school taghha u kienet behsiebha tixtri karozza u David ried ibiegh il-karozza tieghu. Spjegat illi l-logbook kien fuq isem David Borg u kien talabha sitt elef Ewro ta' din il-karozza. In segwitu qalet illi kienet ftehmet u xtrat din il-vettura u l-karozza daret fuqha. Il-karozza xtratha 2013 qabel l-elezzjoni. Wara l-elezzjoni spjegat illi David sar jaf li seta jiehu lura l-VAT u ghalhekk ried lura l-log book izda hi ma riditx ittihulu u qaltlu illi allura hi kienet intitolata tieghu xi somma flus lura u minn hemm beda joffendiha u ma ridietx ittihulu. Qalet illi hi ma tatulux u minn hemmhekk ma baqawx jitkellmu. Spjegat illi l-karozza kienet bieghetha lil terza persuna.

Il-logbook minn dakinhar baqa' ghandha u allura ghaddietu lil persuna lil min bieghet il-karozza. Taf illi sentejn qabel u cioe' wara li kien hemm dik il-kwistjoni tal-logbook meta kienu t-Torri l-Abjad l-Armier ghaliex kien il-birthday party tan-neputi taghha u qalet illi kienet cemplet lil ohtha li telghu qabel u ohtha talbitha biex tmur hdejhom ghax kellhom kamra hemm u taf li kien hemm Janet u David li kienu qed jitkellmu ma' ohtha u li filfatt huma close hafna tal-istess eta' u kienu skola flimkien u dak iz-zmien taf li tkellem li hu biegh id-dar. Qalet li ghall-ewwel hi ma semghetiex ghax ma kinitx f'sikta u ohtha ghax semghatha tghid, qaltilha liema dar bieghejtu dik ta' Gwardamangia? Dak il-hin qaltlu iva u ghalhekk daret fuqu u qaltlu mela tajjeb ghandu minn fejn jaghtikom t-ten percent u l-ghada John Briffa damdamlha l-mobile icemplilha, pero' hi ma wegbitux.

Qalet li bejn l-incident li kellhom fuq l-Alto sentejn qabel ma nfethet din il-kawza u meta ltaqghu l-Armier ma bdewx jitkellmu hi u David Borg. Spjegat illi huha ilu mizzewweg tliet snin fit-12 jew l-14 April. Hija sostniet illi l-mara ta' David Borg dejjem kienet close ma' ohtha it-tielet wahda u naturalment peress li

kienu jkunu ghand ohtha huma kienu jkunu hemm ukoll jaraw u jitkellmu. Pero' hi lilha qatt ma cemplilha biex tohrog maghhom direttament. Qalet li hi tigi ghaxar snin ikbar minnhom u li meta kienet l-Armier vera illi Janet bdiet tibki.

Illi fil-5 ta' Lulju 2017 xehed il-konvenut **John Briffa** li ddikjara illi xtaq jghid li meta effettivament saret din il-kawza minkejja li Victor Gauci ssottometta ruhu bhal li kieku kien is-sid qal li effettivament dak iz-zmien meta sar il-konvenju hu u l-mara kienu ghadhom s-sidien. Qal li qabel ma sar il-konvenju ma' Jean Louis Mariani jaf illi Victor Gauci kien ghamel konvenju ma' Josephine Farrugia Potter u dan fuq l-istess post u huma ma kinux involuti fil-konvenju li sar ma' Farrugia Potter ghax qalilhom li ma kienx hemm ghalfejn.

Qal li huwa minnu li fuq il-konvenju ta' Farrugia Potter, Gauci inghata hamest elef ewro u minnhom tahom erbat elef u hames mitt ewro peress li diga' kellu jtih il-flus. Spjega li mhux minnu li hu kellu xi jghid ma' Gauci ghax ippretenda li jinghata l-hamest elef kollha. Filfatt lil Victor hu ma kien talbu xejn. Jaf li Victor kien cempillu w qallu li kien se jaghmel il-konvenju u hu staqsiha jekk kienx hemm bzonn li jmur u qallu li le ma kienx hemm ghalfejn.

Qal li jaf li l-ghada li ghamel il-konvenju kien cempillu u qallu li kellu xi flus u gabhomlu u dan sabiex inaqqas mill-ispejjez li kellu jtih. Ix-xhud qal li hu ma kienx involut fil-kawza li saret bejn Farrugia Potter u Victor Gauci u filfatt lanqas xehed fiha. Qal li mhux minnu dak li qed jigi suggerit lilu li hu effettivament ta xi xhieda f'dik il-kawza. Huwa minnu pero' li hu kien ghamel kawza kontra Victor Gauci u fil-fatt Jean Louis Mariani xehed fiha wkoll u qal li effettivament hu dik il-kawza kien rebahha. Spjega li Victor kien gie kkundannat biex ihallsu xi flejjes u effettivament hu thallas ta' dawn il-flejjes ukoll u ghaldaqstant qal illi dak li hu kien dovut minghand Victor filfatt hadu.

Sostna li effettivament meta gie l-jum sabiex isir il-konvenju bejn Jean Louis Mariani u Victor Gauci hu kien prezenti. Hu jaf li Jean Louis Mariani kien

ghadda cekk lil Victor u Victor ghaddieh lilu ghal li kellu jtih. Ix-xhud kompla u qal li hu effettivament inghata cekk li thallas bih Jean Louis Mariani permezz ta' endorsement lilu stess. Qal li l-flus naturalment zammhom hu u li effettivament filfatt kellu jtih hafna iktar.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti partikolarment id-dokument JLM2 li huwa konvenju redatt minn Nutar Robert Muscat nhar l-4 ta' Frar 2010 bejn il-konvenut venditur Victor Gauci u l-attur kompratur Jean Louis Mariani. F'dan il-konvenju Gauci kien obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur li accetta masionette numru 257 bl-isem Giancar, Triq l-Orsolini, G.Mangia skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Fost il-kundizzjonijiet hemm imsemmija il-kompratur obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €86,000 u dakinhar stess il-kompratur halla deposit ta' ghaxra fil-mija (10%) u cioe' l-ammont ta' €8,600 u l-bilanc kellu jithallas fuq l-att finali li kellu jsir sa mhux aktar tard mis-27 ta' Jannar 2011. Fuq dan l-att il-kompratur attur hallas ukoll is-somma ta' €860 rapprezentanti one percent (1%) tal-prezz sabiex dan l-istess konvenju jigi registrat mal-Kummissarju tal-Inland Revenue.

Jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur li huwa fil-fatt kien hareg id-deposit fil-jum tal-konvenju u ghaddieh lil Victor Gauci li minn naha tieghu ghaddieh lil John u martu Carol Briffa kif konfermat minn kopja tac-cekk esebit a fol. 35 ta' l-atti Dok JLM 1. Skond dan il-konvenju dakinhar l-konjugi Briffa kellhom jaghtu kopja tac-cwievet tal-fond sabiex Victor Gauci ikun jista' jibda bix-xoghlijiet.

L-attur jghid li l-konvenut John Briffa ma zammx kelmtu u ma riedx jghaddi ic-cavetta tal-fond lil Gauci u ghalhekk ix-xogholijiet li kellhom isiru ma sarux. Jghid li ma kienx jafx kienet ir-raguni ghal dan it-tibdil tal-hsieb. Meta ra li ma setax jasal qabad u talab kemm lil Victor Gauci kif ukoll lil konvenuti Briffa sabiex jirrifondulu l-flus li kien hareg bhala deposit izda dawn ma riedux u kien

ghalhekk li pprezenta din il-kawza sabiex jiehu lura l-flus li kien hallas bhala deposit flimkien mal-ispejjez li kien hareg biex gedded dan il-konvenju u cioe' l-ammont ta' €580.50.

Il-konvenuti konjugi Briffa jaccettaw li rcevew is-somma ta' €8,600 minghand Victor Gauci u cioe' l-ammont ta' 10% li kien hallas l-attur fuq konvenju dwar akkwsit tal-proprjeta' taghhom minghand Victor Gauci, pero' jghidu li dan sehh ghaliex Victor Gauci kellu d-dejn maghhom.

Il-konjugi Briffa ghidu li huma ma kienux parti mill-konvenju li sar bejn Victor Gauci u l-attur minkejja li kienu prezenti u rcevew is-somma ta' €8,600 li l-attur kien hallas fuq il-konvenju lil Victor Gauci. Skond il-konjugi Briffa huwa minnu li huma ma ghaddewx ic-cwievet tal-fond in vendita lil Victor Gauci u dan ghaliex il-kuntratt finali bejn Victor Gauci maghhom ma kienx sar u ghalhekk hassew li ma kellhomx jaghtuh ic-cwievet.

Il-Nutar Robert Muscat jikkonferma li effettivament verament il-konvenut Victor Gauci f'isem is-socjeta' VG Shutters Ltd kien ghamel konvenju fuq il-bejgh ta' din il-proprjeta' lil konjugi Briffa u dan fis-26 ta' Frar 2007 (Dok SM a fol. 62 tal-atti) u gie estiz tlett darbiet kif jirrizulta mid-dokumenti esebit fl-atti u mmarkati bhala Dok SM 2, SM 3 u SM4 a fol 71 et seq.

Ghalhekk jinghad li meta Victor Gauci ghamel il-konvenju mal-attur ma kienx ghadu sid il-proprjeta' li kien qed jittenta jbiegh pero' m'hemmx dubju li kien marbut b'konvenju sabiex jixtri dan l-istess fond.

Jirrizulta wkoll minn ezami tas-sentenza esebita fl-atti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li s-socjeta' VG Shutters propjeta' ta' Victor Gauci ma kinitx resqet ghall-kuntratt finali li kellha mal-konjugi Briffa minhabba nuqqas taghha.

Konsegwentment l-attur llum qed jitlob refuzjoni tal-flejjes imhallsa minnu liema flejjes jikkonsistu fl-ammont ta' €8,600 bhala 10% deposit li kien ghamel fuq il-konvenju, liema flejjes ghalkemm kienu jaghjtu lil Victor Gauci nghataw lil konvenuti Briffa u msarrfa minn Carol Briffa u l-ammont ta' €580.50 rappresentanti spejjez ghat-tigdid tal-istess konvenju, kif ukoll l-ispejjez relattivi tan-nutar u liema kuntratt ma sarx ghaliex il-konvenut Victor Gauci kien ghadu ma akkwistax il-fond mertu tal-kawza.

Il-konvenut Victor Gauci notifikat bl-atti tal-kawza baqa' inadempjenti u ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba tal-attur. Filwaqt li l-konjugi Briffa ipprezentaw risposta fejn fl-ewwel lok kif inghad aktar 'il fuq iddikjaraw li m'humiex il-legittimi kontraditturi ghaliex ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-atur u ma kinux parti mill-konvenju li sehh bejn l-attur u l-konvenut Victor Gauci nhar l-4 ta' Frar 2010 u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar din l-ewwel eccezzjoni jinghad is-segwenti filwaqt li l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik l-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma*

*jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala lpersuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involute fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Illi f'din il-kawza jirrizulta bic-car li effettivament ir-rabta kontrattwali li kellu l-attur kienet biss mal-konvenut Victor Gauci tant li c-cekk li huwa hareg sabiex isir deposit hargitu ohtu Elizabeth Mariani f'ismu intestat lil Victor Gauci. Huwa minnu u dan mhux kontestat li Victor Gauci ghadda dan ic-cekk lil konjugi Briffa pero' l-attur ma jidholx f'din it-transazzjoni. Il-legami li kien hemm bejn Victor Gauci u Briffa ma ghandhomx x'jaqsmu mar-relazzjoni li l-attur ghandu ma' Victor Gauci. Jekk Gauci kellu xi djun ma' Briffa u ried jissodisfa dawn id-djun bic-cekk li kellu jircievi minghand l-attur dan seta' jaghmlu facilment pero' ma jfissirx li giet krejata xi relazzjoni kontrattwali jew guridika bejn l-istess attur odjern u l-konvenuti Briffa. Dawn huma zewg kwistonijiet differenti. Huwa minnu li l-konjugi Briffa kif stqarru huma stess fl-eccezzjonijiet taghhom ma dehrux fuq il-konvenju li sar bejn l-attur u l-konvenut Victor Gauci u ghalhekk ma jistax jignhad li minn dan il-konvenju giet krejata xi relazzjoni bejn Briffa u l-attur. Ghalhekk huwa minnu dak li stqarrew il-konvenuti Briffa fit-tieni eccezzjoni taghhom li huma ma rcevew l-ebda deposit ai termini tal-konvenju li sehh bejn l-attur u Victor Gauci u kienu estraneji ghalih.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Briffa fis-sens li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi tal-attur u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tal-konvenut l-iehor u cioe' Victor Gauci jinghad li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament huwa kien ircieva s-somma ta' €8,600 minghand l-attur odjern bhala deposit. Jirrizulta wkoll li l-kuntratt finali ma sarx u dan ghaliex l-konvenut Victor Gauci ma setghax jersaq ghall-kuntratt finali ghaliex in realta' lanqas lahaq akkwista l-proprjeta' hu stess minghand Briffa u ghalhekk ma setghax jinterpella lill-attur jersaq ghall-iffirmar tal-kuntratt. Ghalhekk il-konvenut Victor Gauci huwa obbligat jirrifondi lura lill-attur is-somma ta' €8,600.

Dwar l-ispejjez li qed jintalbu dwar spejjez ta' nutar u estensjonijiet tal-konvenju l-Qorti hija tal-fehma li ma giex provat ghas-sodisfazzjon taghha li in effetti kien l-attur li ghamel dawn il-pagamenti u li in effetti dawn il-pagamenti ammontaw ghas-somma rikjesta minnu stante li ma giet esebita l-ebda ricevuta fir-rigward ta' dawn l-allegati hlasijiet.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Briffa, li m'humiex il-legittimi kontradditturi tal-attur u ghalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju qieghda wkoll tikkundanna lill-konvenut Victor Gauci jirrifondi lill-attur is-somma imhallsa minnu ta' tmint elef u sitt mitt ewro (€8,600) u dan bl-imghax mid-data tal-gheluq tal-konvenju.**

**Dwar it-talba sabiex il-konvenut Gauci jigi ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ulterjuri ta' hames mija u tmenin ewro u hamsin centezmu (€580.50), din qed tigi michuda stante li mill-atti ma jirrizultax li in efffetti l-attur ghamel dawn il-hlasijiet.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, inkluz taz-zewg ittri interpellatorji, ghandhom fir-rigward ta' dawk l-ispejjez li jikkoncernaw lill-konvenuti konjugi Briffa dawn ghandhom jigu sopportati mill-attur filwaqt li l-ispejjes li jikkoncernaw lill-konvenut Victor Gauci dawn ghandhom jigu sopportati minnu.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**